IL-KARDINAL LAVIGERIE U MALTA — (3)

# IL-KARDINAL LAVIGERIE MILQUGH B'ENTUZJAZMU MILL-POPLU MALTI

Minn MICHAEL GALEA

Il-Kardinal Lavigerie wasal fostna wara li għamel it-traversata minn Sirakuża, nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 1882, fuq il-vapur Taljan "Palermo". Wara li niżel l-art u ħa postu fuq palk imħejji apposta, tfal mill-"Institut Apostolique Africain" kantaw innu miktub għal dik l-okkażjoni minn Ġużè Muscat Azzopardi (13).

O Padre nostro, o tenero
Educator sincero
Che fra le orde barbare
Ci apristi il bel sentiero
O padre nostro apostolo
Che, nel cristian retaggio,
Or vien i nodi a sciogliercі
D'original servaggio.
Salve, Pastore e Principe
Del celestiale impero —
Tre volte salve, o provvido,
Ribanditor del Vero.
Gli onor di sacra porpora,
E i melitensi onori
Oh, come dolci echeggiano
Dei figli tuoi nei cuori!

Kien hemm entużjażmu indeskrivibbli li qanqal emozzjoni lil dak il-Prelat distint. Il-park kien imdawwar b'folla mmensa u kien hemm għadd kbir ta' stendardi u bnadar.

Malajr tneħħew iż-żwiemel u l-folla ġibdet bil-ħbula l-karozzella li fuqha kien hemm l-Isqof Djoċesan, Mons. Carmelo dei Conti Scicluna (1875-1888), u l-Kardinal.

Il-korteo għadda mill-Marsa sal-Palazz ta' l-Isqof. Matul it-triq ovazzjonijiet laqgħu lill-Kardinal. (14)

Dakinhar stess filgħodu l-Kardinal għamel żjara ta' kortesija fil-Palazz lill-Gvernatur, Sir Arthur Borton (1878-1884).

Ġewwa l-Palazz ta' l-Isqof il-Kardinal irċieva, fost oħrajn, dinjitarji tal-Knisja f'Malta, kapitli ta' kolleġġjati, Ordnijiet reliġjużi, diretturi ta' Istituti, studenti universitarji u ċittadini distinti.

Il-ġurnali kontemporanji jiddeskrivu dik id-dimostrazzjoni mill-poplu Malti u l-ingress tal-Kardinal ġewwa l-Belt Valletta bħala **"splendida e oltremodo simpatica"** — dimostrazzjoni **"imponentissima"** (15) — **"una fausta occasione"**. (16)

Dakinhar ukoll, fuq ordni ta' l-Isqof Scicluna, il-qniepen tal-knejjes daqqu nota ta' festa u ta' ferħ. Filgħaxija l-knejjes ġew mixgħulin bil-fjakkli.

## IL-KARDINAL IGĦAMMED TFAL AFRIKANI

L-għada, it-Tlieta, 12 ta' Lulju, l-Em.mu Kardinal mar fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fejn kienu jistennewh xi katekumeni suwed li kienu alunni ta' l-**"Institut Apostolique Africain"**. Waqt funzjoni solenni l-Kardinal għammed tnax-il tifel Afrikan. Kienet ċerimonja għal kollox ġdida għal Malta — **"la cerimonia affatto nuova per Malta e' stata commoventissima"**. (7).

Dak it-tempju storiku kien arredat bħal fl-aqwa festa. Kongregazzjoni mmensa ta' fidili ħadet sehem f'dik il-funzjoni. Minn fuq it-tron veskovili l-Kardinal għamel diskors bit-Taljan.

Dawk it-12-il tifel Afrikan li ġew imgħammdin kienu:—

— Luigi Francesco Maria Giuseppe — parrini kienu Luigi Spiteri Agius Bonnici u s-Sinjorina Alice Semoine;

— Michele Giovanni — parrini Carlo Bugeja u Rosina Bugeja;



**Ritratt tal-Kardinal Lavigerie waqt iż-żjara tiegħu f'Malta fl-1882. Fid-dahar ta' dan ir-ritratt hemm miktubin il-kliem: "Il Cardinal Lavigerie: l'amico fedele dei Maltesi"**
(Bil-kortesija ta' l-Arkivista, Casa Generalizia, Padri Bianchi, Roma)

— Giuseppe Antonio Francesco Domenico — parrini l-Ġeneral Macgowan u martu;

— Pietro Paolo Giuseppe Emanuele Maria — parrini l-Kan. Le Brun, rappreżentat min-Nutar Emmanuele Lauron, u Maria Angelica Lauron;

— Paolo Agostino Carlo — parrini Giuseppe Coppini u Carmela Coppini;

— Giovanni Luigi Onesimo — parrini Dr. Luigi Curmi Schinas u Elisabetta Curmi Schinas;

— Carlo Maria Giuseppe Agostino — parrini Carlo Maria Muscat u s-Sinjura Muscat;

— Giuseppe Adriano Carlo Marziale Giovanni Battista Paolo Giorgio Costantino — parrini l-Markiż Giuseppe De Piro u l-Baronissa Angelica Testaferrata di Gomerino;

— Michelangelo Paolo Antonio — parrinu Mons. Giovanni Pullicino;

— Emmanuele Maria Carmelo — parrini l-Barun Emmanuele Testaferrata u Carmela Testaferrata;

— Lorenzo Giovanni Carlo Giuseppe — parrini Giovanni Farrugia Bugeja u Annetta Farrugia Bugeja;

— Paolo Benedetto Giuseppe Salvatore — parrini Mons. Salvatore Conte Manduca u Sinjorina Annetta dei Conti

**(Ikompli fil-paġna 12)**




**Frontispizju ta' ktejjeb li ġie ppubblikat bħala tifkira taż-żjara tal-Kardinal Lavigerie f'Malta, 1882.**

# IL-KARDINAL LAVIGERIE

(Jaqbad mill-paġna 6)

Manduca. (18).

Fl-istess jum filgħaxija, folla mmensa nġabret fuq il-Fosos ta -Furjana quddiem il-Knisja ta' San Publiju biex tara l-logħob tan-nar.

Il-programm ta' dik iż-żjara tal-Kardinal Lavigerie fostna kienet tinkludi funzjoni solenni fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Din ġiet ċelebrata nhar il-Ħamis, 13 ta' Lulju. Id-dinjitarji kienu libsin gala filwaqt li l-Knisja kienet imżejna bħal fil-festa titulari. Inħarġet min-niċċa l-istatwa ta' San Pawl u tqiegħdet f'waħda min-navati fejn soltu titqiegħed f'okkażjoni tal-festa. (19)

(Ikompli)

**REFERENZI:**

(13) Il-mużika ta' dak l-Innu kien ikkomponiha ċertu Dun Ciantar.

(14) **L'Ordine,** 19.7.1882.

(15) **L'Ordine,** 12.7.1882.

(16) **L'Ordine,** 19.7.1882.

(17) **L'Ordine,** 19.7.1882.

(18) Zammit, Dr. Enrico: **Cuor di Principe ossia il Cardinal Lavigerie a Malta, luglio 1882,** pp. 25-26.

(19) Din l-istatwa ta' San Pawl hija stilistikament attribwita lil Melchiorre Gafà.